

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

12642/25
ADD 1

LIMITE

COPEN 249
CYBER 239
JAI 1220
COPS 434
RELEX 1137
JAIEX 95
TELECOM 292
POLMIL 256
CFSP/PESC 1310
ENFOPOL 316
DATAPROTECT 204

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità; Tishīh tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Ġlieda kontra Ċerti Reati Mwettqin b'Mezzi ta' Sistemi tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni u għall-Kondiviżjoni ta' Evidenza f'Forma Elettronika ta' Reati Serji - Dikjarazzjoni konġunta mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fiċ-ċerimonja tal-iffirmar



Unjoni Ewropea

Dikjarazzjoni

**Iċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra
ċ-Ċiberkriminalità; Tisħiħ tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Ġlieda kontra Ċerti
Reati Mwettqin b'Mezzi ta' Sistemi tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u
l-Komunikazzjoni u għall-Kondiviżjoni ta' Evidenza f'Forma Elettronika ta' Reati Serji
Ċentru Nazzjonali tal-Konferenzi, Thang Long Avenue, Tu Liem Ward, Hanoi,
il-Vjetnam, 25-26 ta' Ottubru 2025**

Eċċellenzi,

Għandi l-unur nitkellem fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jixtiequ l-ewwel nett jesprimu l-apprezzament tagħhom lill-Vjetnam talli ospita ċ-ċerimonja tal-iffirmar għall-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità.

Iċ-ċiberkriminalità ma tafx fruntieri u tħalli impatt fuq is-soċjetajiet tagħna. Tagħmel ħsara liċ-ċittadini tagħna, speċjalment lil daww l-aktar vulnerabbli, bħal uliedna; tfixxkel is-servizzi essenzjali tagħna; u tikkawża telf finanzjarju serju għall-individwi u n-negozji tagħna, u ddgħajef il-fiduċja tagħhom fl-ekonomija diġitali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jindirizzaw iċ-ċiberkriminalità permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali. Permezz tal-Europol u l-Eurojust, l-UE u l-Istati Membri tagħha jiffaċilitaw il-koordinazzjoni internazzjonali, irawmu l-kondiviżjoni effettiva tal-informazzjoni, u jappoġġaw il-kooperazzjoni operazzjonali fuq skala kbira biex jiżżarmaw in-networks ċiberkriminali. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ukoll l-għan li jsaħħu r-reżiljenza globali, iqawwu l-kapaċità tal-awtoritajiet tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġi, u jippromwovu ambjent diġitali sikur u sigur madwar id-dinja, fejn id-drittijiet fundamentali jiġu rispettati. B'dan il-mod, l-UE u l-Istati Membri tagħha jfittxu, mhux biss li jirrispondu għal theddid immedjat, iżda wkoll li jibnu sħubiji internazzjonali fit-tul ibbażati fuq il-fiduċja, il-kooperazzjoni u responsabbiltà kondiviża biex jiżguraw ċiberspazju miftuħ, stabbli u sigur.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jilqgħu l-adozzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra ċ-Ċiberkriminalità. L-adozzjoni ta' din il-Konvenzjoni hija suċċess kollettiv għall-membri kollha tan-NU, peress li tixhed il-kapaċità kollettiva tagħna li naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfida globali taċ-ċiberkriminalità. Dan juri l-għarfien dejjem jikber tal-komunità internazzjonali dwar ir-riskju li ċ-ċiberkriminalità toħloq għas-soċjetajiet tagħna, u l-ħtieġa li naġixxu flimkien kontra din it-theddida.

Il-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità tikkomplementa u hija konsistenti ma' oqfsa li ilhom jeżistu għall-kooperazzjoni internazzjonali, bħall-Konvenzjonijiet tan-NU dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (UNTOC) u l-Korruzzjoni (UNCAC), u l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità. Hija strument komprensiv b'kamp ta' applikazzjoni definit b'mod ċar li jindirizza t-tħassib tal-maġġoranza l-kbira tal-Membri tan-NU u jimla l-lakuni fil-kooperazzjoni internazzjonali, u b'hekk id-dinja ssir post aktar sikur.

Il-Konvenzjoni tan-NU kontra ċ-Ċiberkriminalità ser issaħħaħ il-ġlieda komuni tagħna kontra l-pjaga tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal billi tikkriminalizza mgħiba relatata ma' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-grooming tat-tfal għal skopijiet ta' abbuż sesswali.

Ser issaħħaħ ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali permezz tal-kundizzjonijiet robusti tagħha u s-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem. Dawk is-salvagwardji jipprojbixxu l-abbuż tal-Konvenzjoni biex jiġu mrażżna d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Jiżguraw ukoll il-protezzjoni tad-data personali u jipprevedu l-kapaċità li tiġi rrifjutata kull talba għal kooperazzjoni internazzjonali li ssir għall-fini ta' prosekuzzjoni jew kastig ta' persuna minħabba s-sess, ir-razza, il-lingwa, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-orijini etnika jew l-opinjoni politika ta' dik il-persuna. Dawk is-salvagwardji tad-drittijiet tal-bniedem huma essenzjali biex tiġi stabbilita l-fiduċja reċiproka li tinfed il-kooperazzjoni internazzjonali f'materji kriminali u biex jiġi ssodisfat l-impenn tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Istati Membri tagħha biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom bis-siġħ għall-implimentazzjoni korretta u sħiħa tal-Konvenzjoni. Tipprovdi qafas siewi għall-promozzjoni, l-iffaċilitar u l-appoġġ tal-assistenza teknika u l-bini tal-kapaċità biex il-Partijiet tagħha, u b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, ikunu jistgħu jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv iċ-ċiberkriminalità. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jappoġġaw il-bini tal-kapaċità u jipprovdu assistenza teknika permezz tad-diversi programmi u proġetti tagħhom.

Aħna ser nipparteċipaw u nikkontribwixxu għall-ħidma tal-Konferenza tal-Partijiet, ukoll biex niżguraw li l-Partijiet jimplimentaw il-Konvenzjoni b'mod konsistenti mal-ispirtu tagħha, inkluż fir-rigward tas-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem. Biex ngħinuna lkoll fil-ħidma kontinwa tagħna, jeħtieġ li nippreservaw u nsaħħu l-livell ta' involviment tal-komunità ta' diversi partijiet ikkonċernati, inkluż l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet akkademiċi u s-settur privat. Il-fehmiet u l-appoġġ tagħhom għenuna niks bu din il-Konvenzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-UE u l-Istati Membri tagħha ddeċidew li jingħaqdu mal-konsensus fl-adozzjoni tat-test finali ta' din il-Konvenzjoni. L-UE u bosta mill-Istati Membri tagħha qed jiffirmaw il-Konvenzjoni illum; Stati Membri oħra qed jaħdmu biex jiffirmawha f' stadju aktar tard.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jibqgħu impenjati bis-sħiħ għal din il-Konvenzjoni u biex jappoġġaw Stati Partijiet futuri fl-implimentazzjoni tagħha.

Inħeġġu lill-Istati u lill-organizzazzjonijiet kollha biex jingħaqdu magħna f'dan l-isforz.

Nirringrazzjawkom.
